# Xbihat tal-Madonna

## *fit-Toroq ta' Ħal Għaxaq*

minn Tony Terribile



Ħal Għaxaq hu raħal Malti, li f'bosta partijiet tiegħu għadha tinħass l-atmosfera ta' raħal Malti ta' l-imgħoddi. Fih bosta postijiet li jsaħħruk bħal sqaqien qosra, il-knejjes żgħar bħal Santu Kristu, San Filippu u l-parroċċa, ċertu djar, bħal m'hi d-dar li fiha llum hemm il-każin tal-futbol u n-niċeċ u l-istatwi li jsebbħu bosta toroq tar-raħal.

Personalment, madwar 25 sena ilu, irnexxieli niġbor ritratti u tagħrif ta' 'l fuq minn tletin waħda u ħsibt li din is-sena se nitkellmu dwar niċeċ u statwi tal-Madonna li nistgħu napprezzaw fit-toroq ta' dan ir-raħal.

Hu xieraq li nibdew bl-istatwa ta' Santa Marija li tiddomina l-misraħ tal-knisja, b'wiċċha lejn Triq Santa Marija. Din l-istatwa nħadmet minn Mastru Antonio Busuttil fis-seklu dsatax. Dan kien skultur Rabti, u ħallielna bosta xogħlijiet.

M'humiex kollha ta' l-istess livell, iżda din l-istatwa hija fost l-aħjar li ħadem u dan wieħed jista' jarah jekk idur dawra magħha u jifli ċerti dettalji b'mod speċjali l-paneġġi u kif ukoll l-espressjoni tal-wiċċ. Ħasra li nżebgħat kemm-il darba u għalhekk intilfu bosta dettalji.

Triq Santa Marija hija mżejna b'numru ta' xbihat tal-Madonna u kif ukoll tal-qaddisin u l-ewwel xbiha li taqa' taħt il-ħarsa tagħna hi n-niċċa ta' Santa Marija li qiegħda fuq dar nru. 7. Din in-niċċa ma tantx hija kbira ħafna u tinsab imdawra b'burdura wiesa' tal-ġebel. L-iskultur li ħadem din l-istatwa, li jidher li kien xi dilettanti, ħa l-ispirazzjoni minn fuq l-istatwa titulari, iżda ma daħħalx l-anġlu. Fl-1927 l-Arċisqof Dom Mauro Caruana żejjen din in-niċċa bl-għoti ta' l-indulġenzi.

Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu tinsab fl-istess triq fuq dar nru. 194. Hi niċċa oħra li tidher li saret fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin iżda bħala niċċa din hi aktar elaborata mill-oħra għax fiha par pilastri imżejna bil-gwarniċi u bil-frontispizju. Fl-imgħoddi din in-niċċa kellha wkoll fanal quddiemha għax għadha tidher il-ħolqa tiegħu.

Filwaqt li nidħlu fi Triq Santa Tereża, nosservaw li hawnhekk m'hawnx niċċa iżda li fih naraw biċċa xogħol sabiħa li tirrappreżenta lil Marija Addolorata. Din hi biċċa xogħol artistika li fiha ħafna dettalji fini li juru l-kapaċità ta' l-iskultur li ħadimha. Mad-dawra, dawk li waqqfu dan ir-riliev, għamlu burduna taħt forma ta' dekorazzjoni.

Filwaqt li nerġgħu nidħlu fi Triq Marija nosservaw riliev ieħor tad-Duluri. Dan iżda hu iżgħar imma bħall-ieħor, fih xogħol tajjeb, u ma nkunux bogħod mill-verità jekk ngħidu li t-tnejn huma ta' l-istess id.

Nibqgħu fl-istess triq imsemmija għal Santa Marija u fuq dar nru. 31 naraw niċċa żgħira ta' Santa Marija li tidher li hi l-eqdem fost dawk li rajna s'issa. In-niċċa arzellata, kif ukoll l-istatwa jidhru li huma xogħol ta' xi skultur dilettant.

Mhux hekk iżda hi l-istatwa ta' Santa Marija fuq dar nru. 44 għaliex hawnhekk għandna xbiha ta' San Marija mill-isbaħ, u dan wieħed jista' jarah jekk jifli din l-istatwa fosthom l-ippaneġjar. Dan biss, ifisser kemm kien tas-sengħa, l-awtur li tana din l-istatwa. Din in-niċċa hi kompluta b'kollox għax quddiemha għandha brazz kbir tal-ħadid li permezz tiegħu kienet tiddawwal din l-istatwa.

Id-dar magħrufa bħala *Tal-Bebbux* hi sinonima ma' dan ir-raħal. Hi opra li ħallielna Indrì Dimech, fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Din id-dar hi mżejna b'numru ta' xbihat u fuq l-apramorta tal-bejt naraw ix-xbiha ta' Santa Marija. Taħt hemm disinn, għamla ta' frontispizju, magħqud kollu bil-bebbux.

Fi Sqaq San Karlu, li jmis mad-dar tal-Bebbux, hemm niċċa antika, żgħira u fl-għoli u fiha statwa tal-Madonna ta' Lourdes. Hija statwa/replika.

Interessanti ħafna hija n-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Triq San Bastjan għaliex fuqha naraw minqux is-sena li fiha saret, jiġifieri 1793. Bla dubju din hi waħda mill-eqdem niċeċ ta' gżiritna. Hi niċċa tipika ta' dawk iż-żminijiet u fiha xogħol ta' xi dilettant. Din tidher li hi l-eqdem niċċa li nsibu f'Ħal Għaxaq.

Xbiha oħra ta' l-Assunta qiegħda fuq dar nru. 95 Triq Santa Marija. Għal darb'oħra hawnhekk reġa' għandna niċċa arzellata b'par pilastri ta' stil Doriku magħluqa bil-frontispizju. Kemm in-niċċa kif ukoll -istatwa fihom tabilħaqq xogħol tajjeb ħafna ta' skultura li tidher li saret fis-seklu għoxrin.

Personalment dejjem inġbidt lejn dar li tinsab fi Pjazza San Filippu. Din tidher li nbniet fis-seklu għoxrin u ż-żewġ kantuniera tagħha huma mżejnin b'żewġ niċeċ li jduru nofs tond imżejna kull waħda b'par pilastri ta' stil Doriku u kompluti wkoll bil-friez.

F'niċċa minnhom naraw lil Santa Marija u fl-oħra naraw lil San Ġużepp. Dawn iż-żewġ statwi huma replika taż-żewġ statwi li nsibu fil-knisja parrokkjali.

L-istatwa ta' Santa Marija, kif ukoll ta' San Ġużepp, fiha xogħol tajjeb ta' skultura fina u dettaljata.

Interessanti hija n-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes fi Triq San Pawl li taħtha naqraw is-sena 1881. Din titfa' ħafna dawl ta' storja għaliex fl-1858 il-Madonna dehret f'Lourdes u allura s-sena minquxa taħt din in-niċċa tfisser li tlieta u għoxrin sena wara dawn id-dehriet, id-devozzjoni ta' Lourdes kienet diġà waslet f'dan ir-raħal.

Ħal Għaxaq hu ffortunat li fit-toroq tiegħu għandu żewġ niċeċ kbar, għolja madwar sular, li dawn jibdew telgħin mill-art. Ftit ħafna huma l-irħula tagħna li għandhom minn dawn in-niċeċ. Dawn iż-żewġ niċeċ jinsabu waħda fit-triq li tagħti għal Gudja u l-oħra tinsab fi Triq Valletta.

L-ewwel waħda għandha l-indulġenzi marbuta magħha mogħtija fl-1871 mill-Isqof Gaetano Pace Forno. In-niċċa hi mibnija fuq ċint għoli mhux ħażin li ż-żewġ ġnub tiegħu huma mżejna bi fjammi tan-nar b'ruħ ġo fiha, kollox skulturat fil-ġebel. In-niċċa għandha stil kwadru mżejna bil-frontispizju. Din in-niċċa hi devota ħafna billi tinsab marbuta mad-devozzjoni ta' l-erwieħ tal-purgatorju.

In-niċċa l-oħra tat-triq li twassal għal Gudja hi eqdem, u nistgħu ngħidu li serviet bħala mudell għan-niċċa l-oħra ta' Triq Valletta.

Ix-xogħol tan-niċċa tat-triq tal-Gudja hu aktar artistiku min-niċċa l-oħra.

Ħarsa lejn il-kapitelli tal-pilastri ta' stil mhux komuni, u wieħed jifhem mill-ewwel li l-iskultura ta' din in-niċċa ġie maħduma minn imgħallem tas-sengħa. L-istess nistgħu ngħidu għall-istatwa tal-Madonna bil-Bambin.

Hawnhekk wieħed jista' jinduna kemm kien kapaċi l-iskultur li għaraf li minn ġebla joħroġ mantell mill-isbaħ li jdawwar ix-xbiha tal-Madonna u għalhekk jiddispjaċik tħares lejn din in-niċċa u tinduna li xejn m'hi miżmuma tajjeb, mitluqa u mhux apprezzata u din hi ħasra għaliex din in-niċċa bħan-niċeċ l-oħra ta' Ħal Għaxaq, hi parti mill-patrimonju ta' dan ir-raħal.

# SANTA MARIJA

Marija mtellgħa s-sema
Int twelidt mingħajr ħtija
Inti singulari
F'iħdanek ilqagħni.

O Marija għamilni nħobbok
Ressaqni dejjem lejk
Żommni fil-grazzja tiegħek
Żommni dejjem ħdejk.

Inti sirt omm Alla
Int twelidt mingħajr ħtija
Inti singulari
Int kont taf li ibnek kellu jbati.

Rabbejtu b'għożża kbira
Meta kien għadu tarbija
Kont tħobbu u tgħanqu miegħek
Dak kien l-uniku ibnek.

Inti O Marija
Meta inti kont fid-dinja
Inti ma kontx mara komuni
Int kont mimlija kollox qdusija.

Int ħabbejt lil ibnek
Kemm kont tgħanqu miegħek
Dak ma kienx tifel komuni
Dak kien twieled minn omm verġni.

Kont taf li ibnek kellu jbati
Ġie fid-dinja biex jifdina
Ibnek kien innoċenti
Ħa l-mewt biex jifdina.

O Marija ddolorata
Sofrejt ma' ibnek Ġesù
Ġesù għalina bata
Biex il-ġenna miegħu jeħodna.

Sejf kellu jinfidlek qalbek
Meta rajt lil ibnek imsallab
Int għalih kont tagħti ħajtek
Dak kien l-għaxqa ta' qalbek.

O Marija mmakulata
O Marija mtellgħa s-sema
Ibnek ġie biex jifdina
Biex miegħu jeħodna l-ġenna.

VIVA ĠESÙ, VIVA MARIJA



Grazio Cutajar